



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Lulju 2024
(OR. en)

11469/24
PV CONS 36
SOC 496
EMPL 302
SAN 390
CONSOM 231

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, **Politika Soċjali**, **Saħħa** u Affarijiet tal-Konsumatur)
20 u 21 ta' Ġunju 2024

LAQGH TAL-ĦAMIS 20 TA' ĠUNJU 2024 (10:00)

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 11047/24.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

Lista mhux leġiżlattiva

11227/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-addendum.

IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI¹

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali (Artikolu 19)



10817/24

Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twelmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali f'oqsma għajr l-impjiegi (l-Artikolu 19), kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. Konklużjonijiet ewlenin dwar ir-Rapport tal-2024 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet



10251/1/24 REV 1
+ ADD 1-2

Preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

¹ Fil-preżenza tal-presidenti rispettivi tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS).

5. **Konklużjonijiet dwar l-adegwatezza tal-pensjonijiet**
Approvazzjoni

 10550/24

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

6. **Semestru Ewropew 2024**



(a) **Pakkett tar-rebbiegħa**
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-Pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew.

(b) **Il-konverġenza soċjali fl-Unjoni: Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**
Preżentazzjoni mill-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

10799/1/24 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-presidenti rispettivi tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali tal-Opinjoni dwar il-Konverġenza Soċjali fl-Unjoni Ewropea, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

7. **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti**
Approvazzjoni

 11066/24 + ADD 1

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u dawk soċjali għal ekonomiji reżiljenti, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

L-Estonja ppreżentat dikjarazzjoni, kif tinsab fl-Anness.

8. **Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali**  10779/24

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Prinċipji gwida volontarji għall-Istati Membri tal-UE mħejjija mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali għall-evalwazzjoni tal-effetti ekonomiċi tar-riformi u l-investimenti fl-oqsma tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u tal-politika soċjali, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

9. **Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar l-integrazzjoni ta' persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol: punti ewlenin tal-Kumitat tal-Impjiegi**  10793/24 + COR 1 + ADD 1-3 + ADD 3 COR 1

Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi dwar l-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

10. **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kunsilli Ewropej tax-Xogħlijiet**   10750/24

Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-punt ta' hawn fuq.

11. **Direttiva dwar it-traineeships**   10455/24

Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva dwar it-Traineeships, kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

12. **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-   10443/24**
Traineeships imsaħħaħ
Rapport ta' progress

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ, kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

13. **Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru  10676/24**
Ewropew tad-Drittijiet Soċjali
Approvazzjoni + ADD 1-2

Ma kienx hemm l-appoġġ meħtieġ biex il-Kunsill japprova d-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.
L-Irlanda u l-Ungerija ppreżentaw dikjarazzjonijiet kif jinsabu fl-Anness.

14. **Id-dimensjoni soċjali tas-suq intern  10777/24**
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar id-Dimensjoni soċjali tas-suq intern, abbażi ta' nota ta' gwida mill-Presidenza kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

Affarijiet oħra

15. (a) **Avvenimenti tal-Presidenza  10517/24**
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- (b) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE   15550/23 + ADD 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar ir-Regolament li jistabbilixxi Riżerva ta' Talent tal-UE.

- (c) **Nuqqas ta' ħaddiema u ta' hiliel fl-UE: pjan ta' azzjoni**  8153/24
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar in-Nuqqas ta' ħaddiema u ta' hiliel fl-UE: pjan ta' azzjoni.

- (d) **Is-Sena Ewropea tal-Hiliel**  10528/24
Informazzjoni mill-Presidenza u mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Hiliel.

- (a) **(segwitu) Avvenimenti tal-Presidenza**  10517/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- (e) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**
Informazzjoni mill-Ungerija

SAĦĦA

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

16. Pakkett farmaċewtiku:

 9557/24
10034/24

(a) **Direttiva dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**

(b) **Regolament li jistabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

Rapport ta' progress

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar il-Pakkett Farmaċewtiku u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar it-triq 'il quddiem fir-rigward ta' dawn l-inċentivi.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

17. Konklużjonijiet dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa
Approvazzjoni

 9900/24 + ADD 1

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.

Il-Portugall u Spanja ppreżentaw dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

18. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tilqim

 10128/24 + ADD 1
(*)

(bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 168(6)

TFUE)

Adozzjoni

Il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tilqim.

L-Ungerija ppreżentat dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

19. (a) **Sejħa għal azzjoni fil-livell tal-UE biex iż-żgħażaġh jiġu protetti mill-ħsara kkawżata minn prodotti ġodda tat-tabakk u tan-nikotina** 10268/1/24 REV 1

Informazzjoni mid-delegazzjoni Latvjana, f'isem id-delegazzjoni Ċiprijotta, Estonjana, Finlandiża, Irlandiża, Latvjana, Litwana, Lussemburgiża, Maltija, Netherlandiża, Portugiża, Slovena u dik Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja f'isem Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovenja u Spanja dwar sejħa għal azzjoni fil-livell tal-UE biex iż-żgħażaġh jiġu protetti mill-ħsara kkawżata minn prodotti ġodda tat-tabakk u tan-nikotina.

- (b) **It-tisħiħ tal-isforzi għall-protezzjoni tat-tfal mill-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ diretti tal-prodotti tat-tabakk u tan-nikotina, speċjalment fuq pjattaformi diġitali** 10527/24

Informazzjoni mid-delegazzjoni Daniża, f'isem id-delegazzjoni Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Irlandiża, Lussemburgiża, Maltija, Netherlandiża, Pollakka, Slovena u dik Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-Danimarka f'isem id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovenja u Spanja dwar it-tisħiħ tal-isforzi biex it-tfal jiġu protetti mill-kummerċjalizzazzjoni u l-bejgħ diretti tal-prodotti tat-tabakk u tan-nikotina, speċjalment fuq pjattaformi diġitali.

- (c) **Kriżi tas-saħħa fl-Istrixxa ta' Gaża: is-sitwazzjoni attwali u sejħa għall-azzjoni** 11033/24

Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, f'isem id-delegazzjoni Irlandiża, Lussemburgiża, Maltija, Slovena u dik Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja f'isem l-Irlanda, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja u Spanja dwar is-sitwazzjoni attwali u sejħa għall-azzjoni għall-kriżi tas-saħħa fl-istrixxa ta' Gaża. Il-Portugall esprima l-appoġġ tiegħu għal din l-informazzjoni.

- (d) **Sejħa għall-azzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tingħata prijorità lill-isforzi u lill-investiment biex tintemm l-epidemija tal-HIV fl-Ewropa sal-2030, waqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet politiċi xierqa fis-sitt snin li ġejjin li ser ikunu kruċjali**  11173/24
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka, Rumena u dik Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mir-Rumanija, il-Polonja u Spanja għal sejħa għall-azzjoni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali biex tingħata prijorità lill-isforzi u lill-investiment biex tintemm l-epidemija tal-HIV fl-Ewropa sal-2030, waqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet politiċi xierqa fis-6 snin li ġejjin li ser ikunu kruċjali.

- (e) **Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (CCLAT): l-10 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 10) (Panama, 5-10 ta' Frar 2024)**  10154/24
Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-10 laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WDO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk.

- (f) **Avvenimenti tal-Presidenza**  9959/24
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

- | | | |
|-----|--|------------------|
| (g) | L-impatt ta' strateġiji nazzjonali eċċessivi ta' kumulazzjoni ta' riżerva fuq is-solidarjetà tal-UE
<i>Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka, Ċiprijotta, Maltija, Rumena, Slovakka u dik Slovena</i> | 11156/1/24 REV 1 |
| (h) | Negożjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji, kif ukoll emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)
<i>Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni</i> | 10159/24 |
| (i) | Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
<i>Informazzjoni mill-Ungerija</i> | |

-
- 1 L-ewwel qari
 - S Proċedura legiſlattiva speċjali
 - 2 Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
 - C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
 - (*) Punt li jista' jintalab vot dwaru
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 11047/24

Dwar il-punt "B"
nru 7:

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u daww soċjali għal ekonomiji reżiljenti
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa l-għan tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill li jiffaċilitaw kejl aħjar u aktar komparabbli tal-effetti ekonomiċi tal-politiki tas-suq tax-xogħol, tal-ħiliet u daww soċjali fil-livell nazzjonali. Fl-istess ħin tenfasizza li tali valutazzjonijiet ta' kwantifikazzjoni jridu jibqgħu volontarji.

Filwaqt li m'hemmx dubju li ċerti politiki soċjali ser irawmu l-istabbiltà makroekonomika, huwa kruċjali li jinżamm bilanċ bejn l-infiq fuq l-assistenza soċjali u s-sostenibbiltà fiskali fit-tul fl-UE (u fiż-żona tal-euro).

Għalhekk, l-intenzjoni ta' kwalunkwe ħidma futura li tirriżulta mill-Konklużjonijiet ma għandhiex tkun li ddgħajjef l-implimentazzjoni tar-regoli ta' governanza ekonomika u fiskali tal-UE. B'mod partikolari, ma għandhiex tinkoraġġixxi lill-Istati Membri joħolqu kunċetti ġodda u mhux definiti – bħal investimenti soċjali – li potenzjalment jistgħu jintużaw biex jestendu l-perjodi ta' aġġustament fiskali ta' kwalunkwe Stat Membru. L-introduzzjoni fil-livell tal-UE ta' approċċi bħal dawn, li mhumieq appoġġati minn metodoloġiji bbażati fuq l-evidenza, isservi b'mod partikolari l-interessi tal-Istati Membri b'nefqa għolja fuq il-protezzjoni soċjali u livelli għoljin ta' dejn pubbliku mhux sostenibbli, li ddgħajjef l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli fiskali u baġitarji tal-UE u jissalvagwardaw l-għan aħħari tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Barra minn hekk, id-diskussjonijiet kollha dwar l-implimentazzjoni tar-regoli ta' governanza ekonomika għandhom jibqgħu kompetenza tal-ECOFIN."

Dwar il-punt "B"
nru 13:

Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA

"L-Irlanda tappoġġa bis-sħiħ il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jipprovdi qafas komprensiv ta' 20 prinċipju li jiggwidaw il-politiki tal-UE u daww nazzjonali fl-oqsma ta' Opportunitajiet ugwali u aċċess għas-suq tax-xogħol; Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; u Protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-Irlanda hija impenjata bis-sħiħ li ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru.

Il-Kostituzzjoni Irlandiża tipproteġi d-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni fl-Artikolu 40.6.1°:

"L-Istat jiggwarantixxi l-libertà għall-eżerċizzju tad-drittijiet li ġejjin, soġġetta għall-ordni pubbliku u l-moralità:

...

iii. id-dritt taċ-ċittadini li jiffurmaw assoċjazzjonijiet u għaqdiet. Madankollu, jistgħu jiġu mgħoddija liġijiet għar-regolament u l-kontroll fl-interess pubbliku tal-eżerċizzju tad-dritt imsemmi qabel."

Is-sistema tar-relazzjonijiet industrijali fl-Irlanda hija essenzjalment ta' natura volontarja. Kien hemm qbil min-naħat kollha li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema huma ddeterminati l-aħjar mill-proċess ta' negozjar kollettiv volontarju bejn min iħaddem jew assoċjazzjoni ta' min iħaddem u trade union waħda jew aktar, mingħajr l-intervent tal-Istat.

Ir-rwol tal-Istat fir-relazzjonijiet industrijali kien fil-biċċa l-kbira limitat għall-faċilitazzjoni tal-proċess ta' negozjar kollettiv permezz tal-istabbiliment b'leġislazzjoni, istituzzjonijiet biex jassistu biex isolvu tilwim bejn min iħaddem u l-ħaddiema."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tiddikjara li jeħtieġ li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri għall-2020-2025" imsemmija fid-Dikjarazzjoni ta' La Hulpe dwar il-Futur tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkustanzi speċifiċi f'kull Stat Membru. F'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali u l-valuri kostituzzjonali tagħha minqax fil-Liġi Fundamentali, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għal "nisa u rġiel għandu jkollhom drittijiet ugwali."

Dwar il-punt "B" nru 17:

Konklużjonijiet dwar il-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa *Approvazzjoni*

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL U MINN SPANJA

"Il-Portugall u Spanja jfaħħru l-isforzi tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE biex toħloq viżjoni ambizzjuża u indispensabbli għall-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa bl-għan komuni li tiegħu ħsieb u tipproteġi liċ-ċittadini Ewropej. Azzjonijiet ikkoordinati huma kruċjali biex is-sistemi tas-saħħa nazzjonali jkunu lesti jindirizzaw kemm l-isfidi tas-saħħa eżistenti kif ukoll dawk futuri. F'dan il-kuntest, impenjajna ruġna lejn sforzi biex intaffu n-nuqqas ta' mediċini u l-impatti tagħhom fuq il-pazjenti. Nappoġġaw l-appell kondiviż lill-Kummissjoni Ewropea biex tikkunsidra li tipproponi Att dwar il-Mediċini Kritiċi. Madankollu, il-Portugall u Spanja jinterpretaw il-miżuri korrispondenti deskritti fil-paragrafu 73 b'mod mhux restrittiv. Nemmu li l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi għandu jkun ibbażat fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa li tqis il-miżuri rilevanti kollha, inkluż l-istrumenti ta' appoġġ fil-livell tal-UE, li jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ il-produzzjoni tal-UE ta' prodotti mediċinali kritiċi, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri. B'dan il-mod, nistgħu nissalvagwardjaw aċċess ekwu għal mediċini kritiċi u għas-Saħħa għaċ-ċittadini kollha fl-Istati Membri kollha."

Dwar il-punt "B" nru 18:

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tilqim (bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 168(6) TFUE) *Adozzjoni*

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-sess u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"għoti ta' drittijiet u opportunitajiet indaqs lin-nisa u l-irġiel" fl-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tilqim.

L-Ungerija tiddikjara li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025", imsemmija fin-nota f'qiegħ il-paġna tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kanċers li jistgħu jiġu evitati bit-tilqim, għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."
